



Summit tal-Euro

Brussell, 23 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

EURO 507/25

EUROSUMMIT 3
TSGC 8

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tas-Summit tal-Euro (23 ta' Ottubru 2025) – Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża d-dikjarazzjoni maqbula mis-Summit tal-Euro fil-laqgħa t'hawn fuq.

Dikjarazzjoni tas-Summit tal-Euro, imlaqqa' f'format inklużiv

1. Iddiskutejna s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali. L-ekonomija taż-żona tal-euro għadha reżiljenti minkejja diversi xokkijiet. Wara proċess kostanti ta' diżinflazzjoni, l-inflazzjoni issa reġgħet lura għall-mira, u dan jgħin biex terġa' tinkiseb il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi. B'mod ġenerali, is-suq tax-xogħol għadu robust b'livell rekord ta' qgħad baxx. Kundizzjonijiet finanzjarji favorevoli jkomplu jappoġġaw l-investiment. Ftehimiet kummerċjali reċenti taffew l-inċertezza politika, li madankollu għadha ta' piż fuq il-fiduċja u tagħmel il-prospettiva tat-tkabbir inċerta. Aħna nibqgħu magħqudin fl-impenn tagħna li nsaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomiji tagħna fl-ambjent ġeopolitiku attwali.
2. Filwaqt li nieħdu nota tal-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro tas-16 ta' Ottubru 2025, nistiednu lill-Grupp tal-Euro jkompli jsegwi mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u fiskali. It-tkomplija ta' koordinazzjoni mill-qrib tal-istrateġiji tal-politika ekonomika u fiskali tagħna tibqa' essenzjali, bl-għan li jinżamm tkabbir sostenibbli u inklużiv.
3. L-euro huwa l-manifestazzjoni tas-suċċessi tal-Ewropa u ankra ta' stabbiltà ekonomika, integrazzjoni u ftuħ. Huwa t-tieni l-aktar munita importanti globalment u wera reżiljenza qawwija fid-dawl tax-xokkijiet globali reċenti. F'dinja frammentata, aħna impenjati li nsaħħu r-rwol internazzjonali tal-euro, inkluż bħala munita ta' riżerva u munita ta' tranżazzjoni. Rwol internazzjonali msaħħaħ iġib miegħu opportunitajiet u responsabbiltajiet. Huwa bbażat fuq il-pedamenti ekonomiċi u ġeopolitiċi tal-Ewropa kif ukoll huwa sieħeb internazzjonali affidabbli u prevedibbli. Aħna nibqgħu impenjati għat-titjib tal-kompetittività tal-ekonomija tagħna, l-appfondiment tal-integrazzjoni fis-swieq kapitali, it-tlestija tal-Unjoni Bankarja, it-tiżiħ tas-Suq Uniku, l-aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni, u l-espansjoni tal-użu tal-euro fil-kummerċ u l-finanzi internazzjonali.

4. F'dinja dejjem aktar diġitali, l-euro diġitali joffri opportunità strateġika biex tiġi appoġġata sistema Ewropea ta' pagament kompetittiva u reżiljenti, li tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa, u ssaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. Nilqgħu l-progress reċenti miksub fl-avvanz tal-proġett tal-euro diġitali, u nisħqu fuq l-importanza li titlesta malajr il-ħidma leġiżlattiva u li jiġu aċċellerati passi preparatorji oħra. Fil-laqgħa li jmiss tagħna ser nevalwaw il-progress li nkunu għamilna.
 5. Nistennew b'interess li nilqgħu lill-Bulgarija bħala membru taż-żona tal-euro fl-1 ta' Jannar 2026.
-